A.L. 141 ta' l-2009

ATT DWAR L-EKO-KONTRIBUZZJONI (KAP. 473)

Regolamenti ta' l-2009 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 9A(2) u 13(ċ) ta' l-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2009 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni, u dawn għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Marzu, 2009.

Jemenda l-Iskeda.

2. Fl-Iskeda minflok il-kliem "żewġ ċentimetri" fis-sub-regolament (ċ) ta' l-artikolu 1 tagħha, għandhom jidħlu l-kliem "ċentimetru wieħed".